

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 33 A



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

5 ta' Frar 2013

Avviż Nru

Werrej

Paġna

V Avviżi

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2013/C 33 A/01

Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni (DG COMP) — Publikazzjoni tal-kariga ta' Ekonomista
Prinċipali tal-Kompetizzjoni (grad AD 14) — Ingaġġ ta' Aġent Temporanju skont l-Artikolu 2(a) tal-
Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra — COM/2013/10334

1

MT

Prezz: EUR 3

V

(Avviżi)

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni (DG COMP)

Pubblikazzjoni tal-kariga ta' Ekonomista Prinċipali tal-Kompetizzjoni (grad AD 14)

Ingaġġ ta' Aġent Temporanju skont l-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet ta' Impjieġ ta' Uffiċjali Oħra

COM/2013/10334

(2013/C 33 A/01)

Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni qed ifittex persuna biex tieħu post l-Ekonomista Prinċipali tal-Kompetizzjoni tiegħu, liema kariga se ssir vakanti fl-1 ta' Settembru 2013.

Min aħna

Il-Kummissjoni, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali għall-kompetizzjoni, tinforza b'mod dirett ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE biex is-swieq jaħdmu aħjar, billi tiżgura li l-kumpaniji kollha jikkompetu bl-istess mod u b'mod ġust abbażi tal-merti tagħhom. Dan hu ta' benefiċċju għall-konsumaturi, in-negozji u b'mod ġenerali l-ekonomija Ewropea.

Fil-Kummissjoni, id-Direttorat Ġenerali (DG) għall-Kompetizzjoni hu primarjament responsabbli għal dawn is-setgħat ta' infurzar dirett.

L-Ekonomista Prinċipali tal-Kompetizzjoni jgħin lid-DG tal-Kompetizzjoni fl-evalwazzjoni tal-impatt ekonomiku tal-azzjonijiet tiegħu fl-oqsma tal-UE dwar il-kontroll tal-amalgamazzjonijiet, tal-antitrust u tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat.

Il-kariga se timtela f'livell ta' Direttur (AD14). Din hija kariga temporanja għal tliet snin, u tista' tiġġedded għal massimu ta' sentejn.

X'qed nipproponu

L-Ekonomista Prinċipali tal-Kompetizzjoni huwa responsabbli direttament għad-Direttur Ġenerali. Hu/hi se jkollha tliet kompi ewlenin, b'mod partikolari:

- Tagħti gwida dwar kwistjonijiet ta' metodoloġija fejn tidħol l-ekonomija u l-ekonometrija fl-applikazzjonijiet ta' regolamenti tal-kompetizzjoni tal-UE. Hu jew hi tista' wkoll tissejjaħ biex tagħti l-kontribut tagħha għall-iżvilupp ta' strumenti ta' politika ġenerali jew anliżi;
- tagħti gwida ġenerali f'każijiet individwali ta' kompetizzjoni mill-istadij bikrin tagħhom;
- Tagħti gwida dettaljata fl-aktar każijiet importanti ta' kompetizzjoni li jkunu jinvolvu kwistjonijiet kumplessi ta' ekonomija, b'mod partikolari dawk li jkunu jinħtieġu analiżi kwantitattiva sofistikata. Dan jista' jimplika li membru tal-persunal assenjat lit tim tal-Ekonomista Prinċipali tal-Kompetizzjoni jista' jiġi ssekkondat biex jaħdem f'tim ta' każ speċifiku.

Il-parir finali tiegħu jew tagħha dwar każijiet individwali importanti tal-kompetizzjoni jkun disponibbli għall-Kummissarju għall-Kompetizzjoni u, fejn xieraq, għall-Kulleġġ tal-Kummissarji.

L-Ekonomista Prinċipali tal-Kompetizzjoni għandu persunal iddedikat ta' madwar 24 ekonomista speċjalizat, li nofshom huma uffiċjali permanenti u l-bqija aġenti temporanji. L-Ekonomista Prinċipali tal-Kompetizzjoni u l-persunal tiegħu jew tagħha jikkomunikaw u jaġixxu skont kif ikun xieraq mal-persunal l-ieħor tad-Direttorat-Ġenerali, b'mod partikolari ma' daww li għandhom kompetenza ekonomika.

Qegħdin infittxu (kriterji għall-għażla)

Tingħata preferenza lill-kandidati li jkollhom:

- Għarfien ippruvat u kompetanza fl-analiżi tal-aspetti ekonomiċi ta' kwistjonijiet marbuta mal-kompetizzjoni, ippruvat b'rekord akkademiku sod, li tiegħu trid tingħata prova permezz ta' pubblikazzjonijiet f'ġurnali akkademiċi magħrufa, it-tweqqi ta' funzjonijiet ta' konsultanza lil korpi pubbliċi, studji u possibbilment xogħol ta' konsultazzjoni f'diversi oqsma tal-politika tal-kompetizzjoni;
- Ħila ppruvata fit-tnexxija ta' tim ta' ekonomisti b'ħiliet għolja, partikolarment fil-ġestjoni organizzattiva u tan-nies inklużi aspetti bħal l-iffissar tal-prioritajiet, ir-reklutaġġ, l-evalwazzjonijiet tal-persunal, l-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja u l-motivazzjoni;
- Ħiliet ikkonfermati ta' komunikazzjoni, li se jippermettu lilu jew lilha li tirrappreżenta lill-Kummissjoni u biex tiddefendi l-pożizzjoni tagħha f'fora Ewropej u internazzjonali.

Ħila fil-komunikazzjoni effettiva fi tnejn mit-tliet lingwi li ġejjin tkun ta' vantaġġ: il-Franċiż, il-Ġermaniż jew l-Ingliš.

Il-Kummissjoni qiegħda tfittex b'mod partikolari ekonomista li, barra mit-taħriġ bażiku, i/tkun speċjalizza/t fl-organizzazzjoni industrijali u li jkollu/ħa esperjenza Prattika fl-analiżi ta' każijiet individwali tal-kompetizzjoni.

Matul iż-żmien li jdum/iddum fil-kariga, l-Ekonomista Prinċipali tal-Kompetizzjoni j/tista' j/tippubblika dokumenti u j/tgħalliem b'mod limitat, sakemm dan ma jtellifx ix-xogħol fil-mandat tiegħu/tagħha.

L-applikanti jridu (kriterji ta' eliġibbiltà)

1. Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE.
2. Ikkollhom grad universitarju. Huwa meħtieġ li jkollhom dottorat f'qasam tal-ekonomija jew l-ekonometrija, li jkollu x'jaqşam mal-politika tal-kompetizzjoni.
3. Ikkollhom mill-anqas 15-il sena ta' esperjenza professjonali post universitarja miksuba wara t-tlestija tal-kwalifiki msemmija hawn fuq. Mill-inqas 10 snin minn din l-esperjenza professjonali jridu jkunu nkisbu f'livell għoli fl-oqsma rilevanti għall-kariga battala ⁽¹⁾.
4. Ikkollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għarfien adegwat ta' lingwa oħra minn fost dawn il-lingwi uffiċjali.
5. Ikunu jistgħu jagħmlu l-mandat sħiħ ta' tliet snin qabel ma jilħqu l-età regolari tal-irtirar li, għall-aġenti temporanji tal-Unjoni Ewropea, hija ddefinita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tagħlaq il-65 sena (ara l-Artikolu 47 tal-Kundizzjonijiet tal-Impieg ta' Uffiċjali oħrajn).

L-indipendenza u d-dikjarazzjoni tal-interessi

Il-kandidati huma mitluba jikkonfermaw il-volontà tagħhom li jagħmlu dikjarazzjoni tal-impenn tagħhom li jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u dikjarazzjoni ta' kwalunkwe interess li jista' jiġi kkunsidrat li jippreġudika l-indipendenza tagħhom.

⁽¹⁾ Fis-CVs tagħhom l-applikanti għandhom jindikaw almenu għal dawn l-għaxar snin f'liema attivitajiet akkwistaw l-esperjenza professjonali f'livell għoli (eż. titolu u funzjonijiet dettaljati miżmuma).

Il-ħatra u l-kundizzjonijiet tal-impjieg

L-Ekonomista Prinċipali tal-Kompetizzjoni se j/tintgħażel mill-Kummissjoni Ewropea skont il-proċeduri tagħha tal-għażla u l-ingaġġ (ara wkoll: Id-Dokument ta' Kompilazzjoni dwar il-Politika dwar Uffiċjali f'Kariga Għolja ⁽²⁾). Waqt il-proċess tal-għażla, il-Kummissjoni se tkun meġhuna minn konsulenti esterni, inkluż minn esperti ta' reputazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-ekonomija.

Bħala parti minn dan il-proċess tal-għażla, il-kandidati li jissejħu għal intervista mill-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni għall-Ħatriet, ikollhom jgħaddu, qabel din l-intervista, ċentru ta' valutazzjoni ta' ġurnata sħiħa mmexxi minn konsulenti esterni ta' reklutaġġ.

Jekk jogħġbok innota li l-kandidati huma mgħarrfa li l-proċeduri tal-għażla ser isiru bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u/jew bl-Ingliż biss ⁽³⁾.

Il-paga u l-kondizzjonijiet tal-impjieg huma daww elenkati fil-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għal Uffiċjali Oħra għal aġenti temporanji li jikkupaw funzjoni li tikkorrispondi mal-post bażiku ta' Direttur fil-grad AD14 tal-Unjoni Ewropea. Din hija kariga temporanja għal tliet snin, u tista' tiġi mġedda għal perjodu massimu ta' sentejn.

L-applikanti għandhom ikunu jafu bir-reqwizit, skont il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għal Uffiċjali Oħra, li kull membru għdid tal-persunal irid jgħaddi b'suċċess minn perjodu ta' prova ta' sitt xhur.

Din il-ħatra ser issir fi Brussell. Id-deċiżjoni dwar dan l-ingaġġ hija skedata għal Ġunju tal-2013. Huwa mistenni li l-kandidat magħżul jieħu l-kariga fl-1 ta' Settembru 2013.

Opportunitajiet indaqs

L-Unjoni Ewropea tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs.

Proċedura ta' applikazzjoni

Din il-pożizzjoni tista' tiġi ppubblikata b'mod parallel ma' għadd ta' pożizzjonijiet oħra għal uffiċjali għolja. Il-kandidati li jixtiequ japplikaw għal iżjed minn pożizzjoni waħda jridu jissottomettu applikazzjoni separata għal kull kariga.

Qabel ma tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għandek tiċċekkja b'attenzjoni jekk tissodisfax il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha ("L-applikanti jridu"), b'mod partikolari daww rigward it-tip ta' diplomi u l-esperjenza professjonali meħtieġa. Min ma jissodisfax daww il-kriterji tal-eliġibbiltà jiġi eskluż awtomatikament mill-proċedura tal-għażla.

Jekk tixtieq tapplika, trid **tirreġistra permezz tal-Internet** billi tmur fil-websajt

<https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/>

u ssegwi l-istruzzjonijiet li jikkonċernaw id-diversi stadji tal-proċedura.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tlesti r-reġistrazzjoni onlajn tiegħek fil-ħin ⁽⁴⁾. Nirrakkomandaw bil-qawwa li ma tistennix sal-aħħar ftit jiem biex tapplika, għaliex konġestjoni kbira fuq l-Internet jew xi difett fil-konnessjoni tal-Internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni onlajn tiġi tterminata qabel ma tkun lestettha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba jiskadi ż-żmien għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, ma tkunx tista' tibdel jew iżżid xi dejta. Bħala regola ġenerali, reġistrazzjoniet bil-posta elettronika normali li jaslu tard mhumix se jiġu aċċettati.

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan l-indirizz jintuża biex tiġi identifikata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex tiġi infurmat bir-riżultat tal-proċedura. Għalhekk, trid tinforma lill-Kummissjoni Ewropea f'każ ta' xi bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun kompluta, jeħtieġ li ttella' CV fil-format WORD jew PDF u timla, onlajn, ittra ta' motivazzjoni (massimu ta' 8000 karattru). Kemm is-CV kif ukoll l-ittra jridu jkunu bil-Franċiż, bil-Ġermaniż jew bl-Ingliż.

⁽²⁾ http://ec.europa.eu/civil_service/docs/official_policy_en.pdf

⁽³⁾ Il-bord tal-għażla se jiżgura li ma jingħata l-ebda vantaġġ lil kelliema nattivi ta' dawn it-tliet lingwi.

⁽⁴⁾ Mhux aktar tard min-nofsinhar (12:00), ħin ta' Brussell, tal-5 ta' Marzu 2013.

Meta tlesti r-reġistrazzjoni onlajn tiegħek, tirċievi fuq l-iskrin numru tar-reġistrazzjoni li trid tiktbu u tiftakru — dan se jkun in-numru ta' referenza tiegħek f'kull kwistjoni li tirrigwarda l-applikazzjoni tiegħek. Meta tirċievi dan in-numru, il-proċess tar-reġistrazzjoni jkun spiċċa — huwa konferma li aħna nkunu rreġistrajna l-informazzjoni li tkun daħħalt. **Jekk ma tirċievi l-ebda numru, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Ġentilment innota li **mhuwiex** possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek onlajn.

Inti tiġi kkuntattjat dwar l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek direttament mid-DĠ li qiegħed jirrekluta.

Jekk għandek diżabbiltà li ma tippermettilekx tirreġistra onlajn, tista' tibgħat l-applikazzjoni (is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni) fuq karta permezz tal-posta reġistrata ⁽³⁾, b'timbru postali b'data li ma tkunx aktar tard mid-data meta tagħlaq ir-reġistrazzjoni. Kull komunikazzjoni sussegwenti bejnek u bejn il-Kummissjoni tkun bil-posta. F'dan il-każ, mal-applikazzjoni tiegħek trid tehmeż ċertifikat, maħruġ minn entità rikonoxxuta, li juri d-diżabbiltà tiegħek. Għandek issemmi wkoll, fuq karta separata, kwalunkwe arranġamenti speċjali li taħseb li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tiegħek fl-għażla.

Jekk teħtieġ aktar tagħrif u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi, jekk jogħġbok ibgħat e-Mail lil HR-A2-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq tar-reġistrazzjoni hi **l-5 ta' Marzu 2013**. Ir-reġistrazzjoni onlajn ma tkunx possibbli wara nofsinhar (12.00), ħin ta' Brussell.

⁽³⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà, Unità għall-Persunal Eżekuttiv u Segretarjat CCA, COM/2013/10334, SC11 8/35, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË.

REVIŻJONI TAL-ĠU C A “KOMPETIZZJONI”

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.

Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

5

27 (RO)

29

33

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 420 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 910 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT